MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Mandat Numru. 1535/2008/1

**Perit Vincent u Perit George aħwa Buhagiar.**

**-vs-**

**Grezzju Zerafa.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-3 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-Perit Vincent u l-Perit George aħwa Buhagiar esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet ta' l-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimat milli jesegwixxu xogħlijiet ta' kostruzzjoni nkluż tħammil u tqattigħ ta' blat, għoti ta' konkos (*strip*

*footing*) fil-ġardina magħrufa bħala “Tal-Ħawli” li tinsab fi Triq Wied il-Għajn, Żabbar, u li għandha l-kejl superfiċjali ta’ ċirka erba’ mija u żewġ metri kwadri (402m$^2$) u li tikkonfina mit-Tramuntana ma’ beni tal-familja Buhagiar, mil-Lvant ma’ proprjeta’ ta’ Frank u Carmen Buckwell u mill-Punent ma’ beni ta’ l-intimat Zerafa u oħrajn;

Illi nhar l-10 ta’ Jannar, 1984, l-intimat kien akkwista porzjoni diviża ta’ art *ossia* plot f’Ħaż Żabbar tal-kejl superfiċjali ta’ ċirka mija u sitta u ħamsin metru kwadru (156m$^2$), f’liema plot għandu faċċata ta’ wieħed u għoxrin pied (21’) għal fuq Triq ix-Xgħajra, f’Ħaż Żabbar u li jmiss mil-Lvant ma’ ġardina proprjeta’ ta’ Grezzju Buhagiar, liema ġardina llum ppervjeniet għand l-esponenti;

Illi nhar it-2 ta’ Ottubru, 2008, l-esponenti nnutaw li l-intimat jew persuni mqabbdin minnu kien beħsiebhom jesegwixxu xogħol ta’ kostruzzjoni fil-proprjeta’ ta’ l-intimat adjaċenti l-ġardina proprjeta’ ta’ l-esponenti, u fil-fatt invadew il-proprjeta’ ta’ l-esponenti meta bdew xogħol ta’ *strip footing* proprju fil-ġardina appartenenti lill-esponenti;

Illi tali xogħlijiet kemm-il darba jiġu esegwiti li jirrekaw preġudizzju rrimedjabbli fil-konfront ta’ l-esponenti;

Illi għalhekk l-esponenti jitolbu li dan il-mandat jiġi milqugħ proviżorjament;

Illi l-esponenti ser jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Rat il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ta’ Grezzju Zerafa, ippreżentata fis-7 ta’ Ottubru, 2008, li permezz tagħha espona bil-qima:

1. Illi huwa ma għandu ebda interess passiv li jista' jkun leġittimu kontradittur għaliex ma għandu ebda interess fil-proprjeta' *de quo* u lanqas qed jagħmel jew jesegwixxi jew jikkommissjona bini: huwa ddona l-proprjeta' lil uliedu b'Att tas-17 ta' Marzu, 2007, Dok. A kopja esebita.

L-esponent illum huwa raġel anzjan b'kondizzjoni medika.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008 li permezz tagħha r-rikors tħalla għad-deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat.

Illi r-risposta teċċepixxi li l-intimat m'huwiex leġittimu kontradittur għaliex huwa ttrasferixxa l-proprjeta' in kwistjoni lil uliedu, jirriżulta pero' li huwa għadu usufruttwarju ta' sehem indiviż minnha.

**Għalhekk il-Qorti wara li rat l-Artiklu 348 tal-Kapitlu 16 li jgħid li azzjonijiet reali spettanti lis-sid huma wkoll spettanti lill-usufruttwarju, tiċħad din l-eċċezzjoni u tordna t-tkomplija tar-rikors.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------